**KULLEĠĠ SAN NIKOLA**
**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA**
**Frar 2016**

| Ir-Raba' Sena | IL-MALTI<br>(Il-Fehim mis-Smigħ) | Il-Ħin: 30 minuta |
|---|---|---|

# Il-Karta tal-Għalliema

## Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ



1. Qassam il-karti bil-mistoqsijiet u itlob lit-tfal jiktbu isimhom, kunjomhom u l-klassi.
2. Wara, aqra l-iskript kollu bil-mod u b'leħen ċar kemm tista'.
3. L-iskript **aqrah darbtejn**, kwarta kull darba.

***Tfal, tistgħu tibdew taqraw il-mistoqsijiet f'qalbkom. Għandkom 5 minuti. Tiktbu xejn.***

**(Wara 5 minuti)**

***Issa se naqralkom l-istorja "L-Għasfur" . Isimgħu sew għax wara tridu twieġbu l-mistoqsijiet. Is-silta u l-mistoqsijiet se naqrahomlkom darba, nagħtikom iċ-ċans twieġbu, u wara nerġa' naqralkom is-silta u l-mistoqsijiet għat-tieni darba.***

***Waqt li qed naqra s-silta tistgħu tibdew twieġbu l-mistoqsijiet. Fl-istess ħin, iżda, ibqgħu attenti għal dak li qegħdin tisimgħu.***

***Se nibda.***

Mela darba kien hemm għasfur li kien twieled f'bejta, fuq bejt ta' dar kbira f'waħda mill-isbaħ toroq li kien hemm f'belt kbira. Bilkemm kien għadu tgħallem itir, li dan l-għasfur ma riedx jitlaq u jmur idur dawra mal-belt. Ommu qaltlu: "U issa bħalek fejn trid tmur! Għad hemm ħafna ħwejjeġ x'titgħallem!"

"Imma jien naf intir!" weġibha.

"Imma b'daqshekk ma jfissirx li wasal il-waqt li tħalli l-bejta," kompliet twiddbu ommu.

Imma l-għasfur ma riedx jisma' minn ommu u għamel ta' rasu. Lejla waħda tar mill-bejta u beda jtir fuq il-bjut tad-djar u kultant jinżel ukoll f'xi bitħa. Wara ftit għeja u waqaf jistrieħ fuq ħorża ta' bir li kien hemm fi ġnien ta' dar kbira u sabiħa li kien hemm fil-pjazza tal-belt. Bejn li x-xemx kienet taħraq u bejn għax kien ilu jtir min-naħa għall-oħra, l-għasfur kien mejjet bil-għatx u beda jfittex minn fejn se jixrob. Ħdejn il-bir kien hemm barmil bl-ilma u l-għasfur beda jipprova jixrob minnu iżda ma setax ilaħħaq għax l-ilma kien fil-qiegħ tal-barmil. Kif l-għasfur kien qiegħed fuq ix-xifer tal-barmil, jipprova jilħaq l-ilma b'munqaru, ħass xi ħaġa kbira tgħattih kollu kemm hu. Kienet id ta' tfajjel li kien lemaħ l-għasfur ħdejn il-bir u qabdu. It-tifel ħadu d-dar u poġġieh ġo gaġġa.

"Kemm hu aħjar kieku għadni fil-bejta m'ommi u ħuti!" beda jgħid l-għasfur hekk kif sab ruħu maqful fil-gaġġa. Dak it-tifel kien jieħu ħsiebu u jagħtih x'jiekol u x'jixrob, imma l-għasfur ma kienx kuntent.

Darba waħda xi ħadd fid-dar nesa l-bieba tal-gaġġa miftuħa u l-għasfur tar 'il barra. Huwa sab il-bejta fejn darba kien jgħix iżda ommu ma kinitx hemm għax din marret band' oħra. Issa kien kiber u għalhekk beda jfittex is-sieħba tiegħu.

Fl-aħħar iltaqa' ma' għasfura u flimkien bnew il-bejta tagħhom. Kellhom il-frieħ u fosthom kien hemm wieħed li tgħidx kemm kien imqareb. Darba dan ried jitlaq mill-bejta u missieru qallu:

"U issa fejn trid tmur bħalek! Bilkemm għadek tgħallimt ittir! Stenna sakemm tikber u mbagħad mur fejn trid!"

Storja ta' Charles Casha

* * *

***Issa li smajtu din is-silta, se naqralkom il-mistoqsijiet. Waqt li qed naqralkom il-mistoqsijiet tistgħu tkomplu taħdmu t-tweġibiet.***

***Mela, issa se naqralek Taħriġ A.***

***Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel dan is-sinjal (✓) fil-kaxxa.***

***In-numru wieħed :*** L-għasfur kien twieled f'bejta, fuq il-bejt ta' dar

a) antika.
b) kbira.
ċ) żgħira.
d) mitluqa.

***In-numru tnejn:*** L-għasfur xtaq

a) jibqa' ħdejn ommu.
b) jisma' minn ommu.
ċ) itir u jmur dawra mal-belt.
d) jiekol xi ħaġa mhux tas-soltu.

***In-numru tlieta:*** Omm l-għasfur

a) xtaqet ħafna tarah itir mal-belt.
b) riedet li l-għasfur iħalli l-bejta.
ċ) ma riditx tgħallmu kif itir.
d) qaltlu li kien għadu żgħir biex iħalli l-bejta.

***In-numru erbgħa:*** Meta l-għasfur beda jtir huwa mar

a) fl-għelieqi qalb il-fjuri.
b) fuq il-bjut tad-djar u f'xi bitħa.
ċ) ħdejn il-baħar.
d) ħdejn għasafar oħra.

***In-numru ħamsa:*** Din l-istorja ġrat

a) fir-rebbiegħa.
b) fis-sajf.
ċ) fil-ħarifa.
d) fix-xitwa.

***In-numru sitta:*** L-għasfur sab barmil bl-ilma

a) ħdejn il-bir ta' dar.
b) ħdejn il-bieb ta' waħda mid-djar.
ċ) fuq il-bejt ta' waħda mid-djar.
d) quddiem l-iskola.

***In-numru sebgħa:*** Meta l-għasfur sab ruħu maqful fil-gaġġa, hu xtaq

a) li jibqa' hemm għal dejjem.
b) li jsir ħabib mat-tifel.
ċ) li kien għadu m'ommu u ma' ħutu.
d) li jkollu gaġġa ikbar u isbaħ.

***In-numru tmienja:*** Meta kiber, l-għasfur beda jfittex

a) bejta fuq bejt ta' dar kbira.
b) għasafar oħra bħalu.
ċ) ikel u xorb.
d) sieħba.

***In-numru disgħa:*** L-espressjoni "għamel ta' rasu" tfisser li:

a) obda mill-ewwel.

b) kellu rasu tuġgħu ħafna.

ċ) għamel dak li ried hu.

d) għamel faxxa ma' rasu.

***In-numru għaxra:*** L-għasfur kien mejjet bil-għatx. **Mejjet bil-għatx** tfisser li:

a) kien għajjien ħafna.

b) kellu ħafna għatx.

ċ) miet f'daqqa waħda.

d) kellu ħafna ġuħ.

***Issa se ngħaddu għal Taħriġ B.***

*Aqra s-sentenzi u mmarka (✓) taħt* ***VERU*** *jew* ***FALZ.***

***In-numru wieħed:*** L-għasfur kien joqgħod fi triq sabiħa. ***Veru jew falz?***

***In-numru tnejn:*** Meta l-għasfur għeja, waqaf jistrieħ fuq bank fil-ġnien.***Veru jew falz?***

***In-numru tlieta:*** L-għasfur xorob ħafna mill-ilma tal-barmil.***Veru jew falz?***

***In-numru erbgħa:*** It-tifel poġġa lill-għasfur ġo gaġġa.***Veru jew falz?***

***In-numru ħamsa:*** Meta l-għasfur kiber, ommu marret band'oħra. ***Veru jew falz?***

***Issa se ngħaddu għall-aħħar taħriġ, it-Taħriġ Ċ.***

***Imla l-vojt b'kelma waħda skont is-sens tas-silta.***

***In-numru wieħed***: L-għasfur kien qiegħed fuq ix-_________ tal-barmil jipprova jilħaq l-ilma b'munqaru.

***In-numru tnejn:*** It- ________ kien jieħu ħsieb sew lill-għasfur imma l-għasfur ma kienx ________ .

***In-numru tlieta:*** L-għasfur u l-għasfura kellhom il-_______ u wieħed minnhom kien tassew ________ .

***Issa se nerġa' naqralkom is-silta u wara l-mistoqsijiet. Tistgħu tiċċekkjaw it-tweġibiet tagħkom u timlew fejn ħallejtu vojt.***

* * *

**Wara li taqra s-silta u l-mistoqsijiet għat-tieni darba, agħti ftit minuti lit-tfal biex tara li jkunu lesti.**

**Fl-aħħar tista' tgħid:**

***Grazzi! L-eżami tas-smigħ spiċċa.***